MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2011

Numru 579/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin J. Farrugia**

**vs**

**Glen Charles Bonnici**
**Sarah Rodo**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Glen Charles Bonnici ta' 25 sena, bin Joseph u Mary Grace nee' Zammit, imwieled Pieta' nhar il-5 ta' Novembru 1985 u residenti gewwa Blokk 13, Clair de Lune, Triq Dun Alwig Cammilleri, Zejtunu detentur tal-karta tal-identita' numru 0551685(M) u l-imputata Sarah

Rodo ta’ 26 sena bint Emanue u Calcedonia nee’ Azzopardi imwieleda Pieta’ nhar it-2 ta’ Ottubru 1984 u residenti gewwa numru 2, Triq Corrado Zabbar u detentricital-karta tal-identita’ numru 0475084(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Nhar il-4 ta’ Mejju 2011 gewwa l-Marsa u l-Floriana u f’dawn il-Gzejjer Maltin,

1. Ikkommettew serq ta’ oggetti minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAB 928, ghad-dannu ta’ Ruth Galea li ghandha numru tal-identita’ 186477(M), liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-artikoli 261, 263, 267, 271(g).

2. Volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, vettura bin-numru ta’ registrazzjoni EAB928 ghad-dannu ta’ Ruth Galea li ghandha numru tal-identita’ 186477(M), liema hsara ma tkunx tiskorri elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) imma jkun izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) u dan bi ksur tal-artikolu 325 (1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBJ 196 ghad-dannu ta’ Moses Bonnici li ghandha numru tal-identita’ 349358(M), liema hsara ma tkunx tiskorri elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€116.47) u dan bi ksur tal-artikolu 325 (1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. F’dawn il-Gzejjer Maltin b’diversi atti maghmulin b’resoluzzjoni wahda li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehudha b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun, indahlu sabiex ibieghu jew imexxu dawn l-oggetti, ai termini tal-artikolu 334 (a) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta liema serq hu kwalifikat liema serq hu kwalifikat bil-mezz, bil-valurm u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-artikoli 261, 263, 267, 271(g).

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 6 ta’ Mejju 2011 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fl-udjenza tas-6 ta’ Mejju 2011 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom hekk kif registrata fl-udjenza tas-6 ta’ Mejju 2011.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom, din il-Qorti wissiethom b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu’ lura minnha.

Semghat it-trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati Glen Charles Bonnici u Sarah Rodo, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi salv ghar-raba’(4) imputazzjoni, u cioe’ dik ta’ ricettazzjoni li nghatat bhala alternattiva ghall-imputazzjoni ta’ serq li taghha l-imputati qed jinstabu hatja.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija registrata mill-imputati, kif ukoll il-fatt li huma kkoperaw bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet u l-fatt lli l-imputata Sarah Rodo ghandha fedina penali netta u li ghandha problema ta’ abbuz ta’ droga u jidrilha li fic-cirkostanzi m’ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva izda ser

jigu applikati l-provvedimenti tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261(b), (c) u (g), 263, 267, 271(g), 278, 325, 17, 20 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputata Sarah Rodo hatja tal-ewwel tlett imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghha u tikkundannaha tmintax(18)-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta sentejn (2) millum. Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba'(4) imputazzjoni stante li din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) imputazzjoni li taghha Sarah Rodo qed tinstab hatja. B'applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tqieghed lil-imputata Sarah Rodo taht 'supervision suspended order' ghal zmien sentejn (2) millum, taht is-supervizjoni tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer minnu nominat. B'applikazzjoni tal-Artikolu 412 D tal-Kodici Kriminal l-Qorti tqieghed lill-imputata Sarah Rodo taht 'treatment order' u timponilha li tibda programm sabiex teghleb il-problema tal-abbuz mid-droga liema programm ghandu jinbeda b'effett immedjat u jrid jigi terminat entro l-perijodu ta' sentejn (2) millum.

Wara li rat l-Artikoli 261(b), (c) u (g), 263, 267, 271(g), 278, 325, 17, 20 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat Glen Charles Bonnici hati tal-ewwel tlett imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmintax(18)-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta sentejn (2) millum. Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba'(4) imputazzjoni stante li din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) imputazzjoni li taghha Glen Charles Bonnici qed jinstab hati.

B'applikazjoni tal-artikolu 28H tal-Kodici Kriminalli l-Qorti tikkundanna lil-imputati Sarah Rodo u Glen Charles Bonnici sabiex sa zmien sitt (6) xhur milum ihallsu lil Ruth Galea is-somma ta' ghoxrin Ewro (€20) u lil Moses Bonnici is-somma ta' sebgha u ghoxrin Ewro (€27).

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputati l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqsu milli josservawha.

L-imputati min-naha taghhom jiddikjaraw li fehmu ben tajjeb l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jonqsu milli josservawha.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u tas-Supervision Order hawn ammess jigu notifikati minnufih lid-Direttur tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------